**FIL-QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**L-ONOR. IMHALLEF ANTHONY VELLA**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha 30 ta' Novembru, 2018**

**Rikors nru: 436/18 AGV**

AC
Vs
BC

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors tar-rikorrenti pprezentat fis-26 ta' Settembru, 2018 li permezz tieghu ppremettiet u talbet is-segwenti:-

1. Illi hija zzewwget lil intimat BC, detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 491374M, fis- 6 ta' Mejju, 2001, liema zwieg gie registrat fir-Registru Pubbliku ta' Malta bin-numru erbgha, sitta, erbgha zbarra elfejn u wiehed (464/2001) u dan kif jirrizulta minn vera kopja tac-certifikat taz-zwieg hawn anness u mmarkat bhala Dok.A.
2. Illi l-kontendenti partijiet xoljew u likwidaw il-komunjoni tal-akkwisti bejniethom u effetwaw is-separazzjoni personali permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni li kien gie ppubblikat minn Nutar Dottor Silvana Borg Caruana fit-8 ta' Mejju, 2012, kopja fotostatika qiedgha tigi hawn annessa u mmarkata bhala Dok. B.

3. Illi l-partijiet minn dan iz-zwieg irrinunzjaw reciprokament mid-dritt li jitolbu u jottjenu manteniment fil-konfront ta’ xulxin.
4. Illi l-istess partijiet kellhom tifla bl-isem ta’ CC li twieldet fit-8 ta’ Ottubru, 2003 u li ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi kwalsiasi obbligi ta’ manteniment gew effettivament regolati fl-istess kuntratt ta’ firda personali ippubblikat u konsegwentement ma tezisti ebda kwistjoni f’dan ir-rigward.
5. Illi r-rikorrenti ddiskutiet mal-konsulent legali taghha, hawn sottofirmata, il-possibilita’ ta’ rikonciljazzjoni taz-zwieg odjern u kkonkludiet li m’hemm l-ebda prospett ragjonevoli ghar-rikonciljazzjoni.
6. Illi llum il-gurnata ghaddew aktar minn sitt (6) snin mid-data tal-publikazzjoni tal-kuntratt ta’ separazzjoni tal-kontendenti partijiet.
7. Illi r-rikorrenti tixtieq tirriverti ghal kunjom xbubitha u cioe’ D.
8. Illi in vista ta’ dak premess, jikkonkorru l-kriterji kollha rikjesti mil-ligi ghall-halla taz-zwieg odjern u ghad-divorzju tal-partijiet.

Ghaldaqstant, ir-rikorrenti AC  titlob bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:-

a) Tiddikjara z-zwieg odjern mahlul u sussegwentement tippronunzja li l-partijiet huma divorzjati ghall-effetti kollha tal-ligi;
b) Tawtorizza lir-rikorrenti sabiex tirriverti ghal kunjom xbubitha u cioe’ D;
c) Tordna lir-Registratur tal-Qorti sabiex fi zmien imholli ghal daqshekk minn din l-Onorabbli Qorti javza’ lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex jirregistrah skond il-ligi fir-Registru Pubbliku.

Rat li l-intimat m’opponix ghat-talbiet tar-rikorrenti.

Rat l-Artikolu 66 A u B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat;

Il-Qorti rat li r-rikorrenti rnexxielha tissodisfa r-rekwiziti kollha mehtiega mil-Ligi sabiex iz-zwieg ta' bejn il-partijiet jigi mahlul u dana peress illi ppruvat illi l-partijiet

ilhom isseparati legalment skond kuntratt datat 8 ta’ Mejju, 2012 fl-atti tan-Nutar Dr. Silvana Borg Caruana. Tikkonferma ukoll li dejjem thallas il-manteniment dovut skond il-kuntratt ta’ separazzjoni.

Ir-rikorrent ukoll ippruvat li ma hemmx cans ta’ rikonciljazzjoni. Iddikjarat ukoll li tixtieq tirriverti ghall-kunjom xbubitha “D.”

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti taqta’ u tiddeciedi din il-kawza billi:-

1. Tilqa’ t-talba tar-rikorrenti u tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet ai termini tal-Artikolu 66A, wara li gew soddisfatti r-rekwiziti tal-Artikolu 66B tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta’ Malta u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien ghaxart ijiem millum javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.
2. Tawtorizza li r-rikorrenti tirriverti ghall-kunjom xbubitha u cioe’ “D.”
3. Tirriduci t-terminu ghall-appell ghall-gurnata.

L-ispejjes jibqghu bla taxxa.

**Onor. Imhallef Anthony G. Vella**
**Imhallef**

**Cettina Gauci**

**Deputat Registratur**